MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 40/2012

**A B**

**Vs**

**C D f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri M, Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrent ippremetta:

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Settembru 2000 skond certifikat taz-zwieg anness Dok. A;

2. Illi fiz-zwieg twieldet il-minuri M fis-26 ta' Jannar 2001, li giet registrata f'isem l-esponent stante li twieldet fiz-zwieg;

3. Illi l-esponenti gie a konoxxjenza tal-fatt li din il-minuri mhux wild naturali tieghu u li l-partijiet bi hsiebhom jissottomettu ruhhom ghal testijiet genetici appositi li jeskludu il-paternita` ta' A B;
4. Illi ghalhekk l-esponent talab u gie awtorizzat minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex jipprocedi f'din l-istanza ghad-dikjarazzjoni tal-paternita tal-minuri Dok. C;

Talab li l-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

1. tiddikjara li l-esponent A B ma huwiex il-missier naturali tal-minuri M;

2. tordna l-korrezzjoni tac-Certifikat tat-Twelid tal-minuri M billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri tikkancella l-isem '*A B'* u tissostitwih l-istess b' *"missier mhux maghruf"* u tordna ukoll illi l-partikolarijiet relattivi ghall-esponent u cioe` professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta`, ghall-post tat-twelid u residenza, u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri jigu mhassra;

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jirregistra is-sentenza relattiva ghat-tibdil fic-certifikat tal-minuri;

Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, ingunti ghas- subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li *in forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illli preliminarjament trattasi minn kawża ta' *denegata paternità* r-rikorrenti jeħtieġlu jipprova u jissodisfa talanqas waħda miċ-ċirkostanzi komminati fl-**Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi salv il-premess, mill-bqija għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa

jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi subordinatament f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti għandha tordna li jiġu mneħħija l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem A B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid numru 662/2001;

4. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' denegata paternita' *stante* li l-attur jikkontendi li ghalkemm il-minuri M li twieldet nhar is-26 ta' Jannar 2001 twieldet fiz-zwieg ta' bejnu u bejn l-intimata C D u konsegwentement gie mnizzel bhala l-missier naturali tal-istess minuri fuq ic-certifikat tat-twelid taghha, fil-fatt huwa maghruf bejn il-partijiet li l-istess minuri m'hijiex il-wild biologiku tieghu. L-attur, ghalhekk permezz ta' din il-kawza qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li m'huwiex il-missier naturali

tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri u jigu sostitwiti b'missier mhux maghruf.

Illi min-naha taghha, l-intimata ma resqet ebda risposta guramentata ghalkemm dehret ghas-seduta ta' nhar it-28 ta' Mejju 2012 u tat ruhha b'notifikata bl-istess kawza.

**Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Illi jirrizulta li l-eccezzjonijiet tal-istess Direttur tar-Registru Pubbliku jduru fuq il-mertu tal-kaz, fis-sens li jirrileva li jinkombi fuq l-attur li jipprova dak li qieghed jirrileva permezz tar-rikors promotur tieghu u li ghall-anqas wahda mic-cirkustanzi komminati fl-Artikolu 70(1) tal-Kap. 16 tigi sodisfatta. Dan l-Artikolu jghid hekk:

"70. (1) ***Ir-raġel jista' jiċħad li jagħraf it-tifel imnissel matul iż-żwieġ -***
***(a) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt jum u lmija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, hu kien fl-impossibbiltà fiżika li jgħammar ma' martu minħabba li kien bogħod minnha, jew minħabba xi aċċident ieħor; jew***
***(b) jekk, fiż-żmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment minn martu:***
***Iżda ma jistax jiċħad lit-tifel jekk matul dak iż-żmien ikun reġa' ngħaqad ma' martu, ukoll jekk temporanjament; jew***
***(ċ) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet waħda fit-tnissil; jew***
***(d) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi martu kienet għamlet adulterju jew kienet ħbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor (li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi) li x'aktarx jeskludu dik il-paternità***".

Il-Qorti tirrileva li fil-fatt it-testijiet ta' paternita' saru u rrizulta li l-attur m'huwiex il-missier naturali tal-minuri,

liema rizultat juri li l-istess rikorrent irnexxilu jaghmel prova tal-adulterju skond l-Artikolu 70(1)(d) hawn fuq citat.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Ir-rikorrent jiddikjara li l-minuri M B illi twieldet nhar is-26 ta’ Jannar 2001 u cioe’ erba’ xhur wara z-zwieg bejn il-partijiet (u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg bejn ir-rikorrent u l-intimata C D esebit in atti[1]) m’hijiex il-wild naturali tieghu. Dan jikkonfermah bil-gurament tieghu kemm fir-rikors promotur li ta bidu ghall-proceduri odjerni kif ukoll permezz tal-affidavit tieghu[2]. Dan hu kkonfermat mir-rizultat tad-DNA li sar fuq l-istess minuri[3] u li jikkonferma li r-rikorrent m’huwiex il-missier naturali tal-istess minuri. L-intimata, ghalkemm ma resqet ebda risposta guramentata, ipprezentat affidavit fejn prattikament qablet ma’ dak li jsostni r-rikorrent u sostniet li l-missier tat-tarbija huwa ragel ta’ nazzjonalita’ barranija li hadd ma jaf fejn jinsab[4].

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li A B m’huwiex il-missier naturali tal-minuri M;
(2) Tilqa’ t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri jigi kkancellat l-isem A B u tissostitwih b’*missier mhux maghruf* kif ukoll sabiex il-partikolarijiet relattivi kollha ghall-istess A B jigu mhassra;
(3) Tilqa’ t-tielet talba.

Bl-ispejjez kontra l-intimata C D.

**< Sentenza Finali >**

[1] Ara a fol 4 tal-process
[2] Esebit a fol 23 tal-process
[3] Ara n-nota guramentata ta’ Dr. Marisa B prezentata in atti nhar it-22 ta’ Ottubru 2012
[4] Ara l-affidavit ta’ C D prezentat nhar is-27 ta’ Novembru 2012

---------------------------------TMIEM---------------------------------